MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 429/2005

Mosta Bacon Company Limited
vs
Pirella Supermarket Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet illi:

Premess li s-socjeta` konvenuta kienet debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' sittax-il elf, tliet mija u erba' liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (lm16,304.31) (ara Dok MB 1) bilanc minn somma akbar dovuti ghal xiri ta' prodotti ta' ikel, lilha mibjugha u debnitament konsenjati mill-istess socjeta` attrici u dan skond ma rrizulta mill-invoices annessi mac-citazzjoni mmarkati minn Dok. MB 2 sa Dok MB 21 rispettivament;

U premess illi minkejja diversi interpellazjonijiet maghmula lis-socjeta` konvenuta sabiex teffettwa l-hlas relattiv, din baqghet inadempjenti;

U premess illi l-ammont dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici kien cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma kellha ebda eccezzjoni x' tissolleva kontra l-pagament ta' l-istess;

U premess illi kienu jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-artikolu 167 ***et seq*** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza peress illi d-dejn kien cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma kellhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba tal-istess socjeta` attrici;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna ghar-ragunijiet premessi u in vista tal-affidavit guramentat anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok MB 22, tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' sittax-il elf, tliet mija u erba' liri Maltin (Lm16,304.31) bilanc minn somma akbar dovuti ghal xiri ta' prodotti ta' ikel u dan bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 ***et seq*** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali, tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Mejju 2005 u bl-imghax legali mid-9 ta' Marzu 2005 ossia d-data ta' l-ahhar tranzazzjoni, tal-mandat ta' sekwestru numru 763/05 u tal-mandat ta' qbid numru 764/05 kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata u li fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2005 ma deher ebda rapprezentant ghaliha, u anqas deher konsulent legali ghaliha.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2005 Dr. Kris Busietta ghas-socjeta` attrici pprezenta nota li biha rriduca l-ammont pretiz minn Lm16,304.31 ghal Lm12,304.31 stante pagament fil-mori tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2005 xehed Emmanuel Saliba wiehed mid-Diretturi tas-socjeta` attrici u kkonferma li fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni s-socjeta` konvenuta kellha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm16,304.31 oltre ta' xi spejjez. Minn dak iz-zmien 'il hawn kienu tawhom numru ta' cheques li kienu post dated li pero` setghu jsarrfu Lm4,000 minnhom u ghalhekk Lm4,000 mill-ammont gie mhallas.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` attrici tidher gustifikata, u l-Qorti qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-art. 167 ***et seq*** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tnax-il elf, tliet mija u erba' liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm12,304.31), bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali, tal-ittra ufficjali datata 2 ta' Mejju 2005 u bl-imghax legali mid-9 ta' Marzu 2005 ossia d-data ta' l-ahhar tranzazzjoni, tal-mandat ta' sekwestru numru 763/05 u tal-mandat ta' qbid numru 764/05.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------